

Brussell, 7 ta' Ottubru 2016
(OR. en)

13063/16

MI 628
ENT 184
CONSOM 237
SAN 350
ECO 63
ENV 650
CHIMIE 57

NOTA TA' TRASMISSJONI

minn:	Kummissjoni Ewropea
data meta waslet:	6 ta' Ottubru 2016
lil:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
Nru dok. Cion:	D047414/01
Suġġett:	REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta' XXX li jemenda l-Anness VI tar-Regolament (KE) Nru 1223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-prodotti kożmetiċi

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu meħmuż id-dokument D047414/01.

Mehmuż: D047414/01



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, **XXX**
[...](2016) **XXX** draft

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' **XXX**

**li jemenda l-Anness VI tar-Regolament (KE) Nru 1223/2009 tal-Parlament Ewropew u
tal-Kunsill dwar il-prodotti kożmetiċi**

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' XXX

li jemenda l-Anness VI tar-Regolament (KE) Nru 1223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-prodotti kożmetiċi

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) 1223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-prodotti kozmetiċi¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 31(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Il-Kumitat Xjentifiku dwar is-Sikurezza tal-Konsumaturi ("SCCS"), fl-opinjoni tiegħu tas-16 ta' Diċembru 2008² ikkonkluda li l-użu tal-Benzofenon-3 bħala filter tal-UV f'konċentrazzjoni sa 6 % w/w fil-prodotti kożmetiċi li jipproteġu mix-xemx u sa' 0.5% w/w fit-tipi kollha ta' prodotti kożmetiċi għall-protezzjoni tal-formulazzjoni ma' jippreżentax riskju għas-saħħa umana, għajr il-potenzjal ta' effett allerġeniku mal-kuntatt jew fotoallergeniku tiegħu.
- (2) Għaldaqstant, il-konċentrazzjoni massima attwali ta' 10 % w/w fil-każ tal-Benzofenon-3 użat bħala filter tal-UV fil-prodotti kożmetiċi għandha titnaqqas għal 6 % w/w.
- (3) Ir-Regolament (KE) Nru 1223/2009 għandu għalhekk jiġi emendat skont dan.
- (4) L-applikazzjoni tal-konċentrazzjoni massima l-għdida għandha tiġi deferita biex l-industrija tingħata ż-żmien ħalli twettaq l-aġġustamenti neċessarji għall-formulazzjonijiet tal-prodotti. B'mod partikolari, l-azjendi għandhom jingħataw sitt xhur mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament sabiex jieħdu l-miżuri neċessarji ħalli jqiegħdu fis-suq prodotti konformi u ma jkomplux jagħmlu għad-dispożizzjoni l-prodotti li diġà tqiegħdu fis-suq li mhumiex konformi mal-konċentrazzjoni massima l-għdida.
- (5) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Prodotti Kożmetiċi,

¹ ĠU L 342, 22.12.2009, p. 59.

² SCCP 1201/08

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness VI tar-Regolament (KE) Nru 1223/2009 huwa emendat skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu japplika minn [date = 6 months after the date of entry into force].

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak li fih jiġi ppublikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kummissjoni
Il-President
Jean-Claude Juncker